MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 897/2014

**A sive B**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' A sive B datat 16 ta' Ottubru 2014 fejn espona: -

Illi r-rikorrent, A sive B, twieled f' Malta fit-30 ta' Lulju 1968 u dan kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-Twelid tieghu mizmum fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';

Illi l-istess A sive B gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala ta` sess femminili, kif jirrizulta mill-anness Att tat-Twelid;

Illi r-rikorrent issottommetta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala *gender reassignment* fl-Ingilterra u b'hekk assumma s-sess maskili. Dan jirrizulta mill-anness Rapport Mediku mahrug mill-kirurgu Joseph Briffa MD FRCSEd FICS (Dok 'B');

Illi r-rikorrent izzewweg fis-sena 1988 u dan iz-zwieg gie iddikjarat null fit-2 ta' Marzu 2011 mill-Qorti tal-Appell (Sede Civili) kif jirrizulta mill-anness Att taz-Zwieg (Dok 'C');

Illi l-Artikolu 257A tal-Kap 16 jistabbilixxi illi r-rikorrent, f'dawn ic-cirkostanzi, jista' jitlob permezz ta` citazzjoni, sabiex issir l-annotazzjoni dwar is-sess fl-att tat-twelid tieghu u ghalhekk huwa ghandu interess skont il-ligi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 257A ssir id-debita annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tieghu.

Ghaldaqstant, l-istess rikorrent umilment jitlob li, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna` din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara illi r-rikorrent assuma s-sess maskili b'mod irreversibbli u permanenti kif kontemplat fl-Artikolu 275A(2) tal-Kap 16, u dan permezz ta` periti nominandi;

2. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent rigward il-partikolarijiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-Artikolu 275(A) tal-Kap 16 fis-sens illi s-sess tar-rikorrenti fl-istess Att tat-Twelid jigi jaqra 'Maskili'.

3. Tordna illi l-konvenut sabiex jaghmel ukoll annotazzjoni fl-Att tat-Twelid illi isem r-rikorrent minn A isir jaqra B.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-6 ta' Novembru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' Novembru 2014 (fol 17) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu u ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward ta' l-ewwel talba, ir-rikorrent jeħtieġ li jġib provi li huwa persuna mhux miżżewġa u *inoltre* domiċiljata f'Malta, hekk kif jitlob l-**Artikolu 257A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Għalhekk l-esponent jistieden lir-rikorrent sabiex jippreżenta l-provi neċessarji sabiex jiġu sodisfatti fl-intier tagħhom dawn il-kweżiti tal-liġi;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex tirnexxi din l-azzjoni ġudizzjarja din l-Onorabbli Qorti "*għandha tinnomina periti biex jivverifikaw jekk il-persuna li tkun għamlet l-azzjoni ġudizzjarja, tkunx, fil-fatt, għaddiet minn bidla irreversibbli ta' sess li ma jkunx dak indikat fl-att ta' twelid jew inkella jekk kenitx dejjem tappartjeni għal dak is-sess l-ieħor*" u dan *a tenur* ta' l-**Artikolu 257A (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;**

4. Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal-ġudizzju savju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponent m`ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Jannar 2015 quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Neil Falzon ghar-rikorrent li nforma lill-Qorti li m'ghandux provi ohra. Deher ukoll Dr Maurizio Cordina ghall-intimat li ddikkjara l-istess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **257A *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna mhux miżżewġa li jkollha domiċilju f'Malta, li tagħmel talba ġudizzjarja biex issir annotazzjoni rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess li jkunu ġew assenjati lilu jew lilha fl-att tat-twelid.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament kif jirriżulta mill-Gażżetta tal-Gvern fit-22 ta' Ottubru 2014[1].

Illi jirriżulta mill-atti, senjatament mir-rapport tat-Tabib Joseph E. Briffa (**Dok.B)** li r-rikorrent ghadda minn diversi operazzjonijiet kirurgici konnessi mal-kondizzjoni tieghu ta' *gender dysphoria*. Skont dak rapportat mill-perizja medika esebita a fol.30 tal-process il-Qorti tqies li ġie suffiċjentement stabbilit li l-attur ghandu s-sess maskili u li din tista' tigi meqjusa bhala kondizzjoni permanenti. Ghalhekk it-talba odjerna tissoddisfa r-rekwiziti tal-Ligi, senjatament tal-artikolu **257A(2**) u **257B** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandha tirnexxi.

Inoltre jirrizulta mix-xhiedha *viva voce* tar-rikorrent li huwa domiciljat f'Malta[2], u mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg esebit (**Dok.C)** jirrizulta li mhux mizzewweg *stante* li z-zwieg tieghu kien gie debitament annullat b'Digriet tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu 2011.

---

[1] Fol.12 tal-process.
[2] Seduta tas-6 ta' Novembru 2014.

Ghalhekk ir-rekwiziti stabbiliti bl-artikoli premessi huma soddisfatti u ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti imsemmija.

It-tielet talba hija kkontemplata bl-artikolu 257B(2) tal-Kap.16 u ghandha wkoll tigi milqugha.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:

1 **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara illi r-rikorrent assuma s-sess maskili b'mod irreversibbli u permanenti kif kontemplat fl-Artikolu 275A(2) tal-Kap 16.

2. **Tilqa' it-tieni talba** u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent rigward il-partikolarijiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-Artikolu 275(A) tal-Kap 16 fis-sens illi s-sess tar-rikorrenti fl-istess Att tat-Twelid jigi jaqra 'Maskili'.

3. **Tilqa' it-tielet talba** u tordna lill-konvenut sabiex jaghmel ukoll annotazzjoni fl-Att tat-Twelid illi isem ir-rikorrent minn A isir jaqra B.

Il-Qorti tordna wkoll illi minħabba n-natura tal-każ, il-partikolaritajiet tal-attriċi ma jissemmewx fil-kopja tas-sentenza pubblikata fuq is-sit

elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja, u għal kull *buon fini* tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-attriċi fuq il-meżżi tax-xandir kollha.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------